MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 6/2006

Josephine Micallef

vs

John Vella;
U b'degriet tal-5 ta' April, 2005,
l-avukat Mario Scerri ġie nominat
Kuratur sabiex jirrappreżenta lill-
Assenti Carmelo Vella, Joseph Vella,
U Cristina mart Joseph Camilelri fl-atti
tal-istess kawża u fl-atti kollha relattivi
u sussegwenti għaliha.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi Mary Jane armla ta' Antonio Vella mietet fid-9 ta' April 2000 (Dokument A);

Illi l-istess Mary Jane Vella rregolat il-wirt tagħha b'testment magħmul wara l-mewt ta' żewġha Antonio Vella fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-erbatax (14) ta' Jannar elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) (Dokument B) li permezza tiegħu fit-tielet Artikolu ħalliet b'titolu ta' legat lill-attriċi Josephine Micallef dan l-immobbli u ċioe':
***"biċċa raba 'ta' Loggja" fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex tal-kejl ta' ċirka tlett mija u sbatax punt deċimali disgħa metri kwadri (317.9mk) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, nofsinhar ma' beni tal-katidral ta' Għawdex jew aventi kawża u punent ma' beni ta' Francis Theuma jew irjieħ aktar korrenti soġġetta għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu ta' tlett liri Maltin, ħamsa u tletin ċenteżmi u ħames milleżmi (Lm3.35c5m)"*** murija fuq l-annessa pjanta u markata bħala dokument "B".

Illi fl-istess artikolu l-istess testatriċi ddikjarat illi :

"***Hija taf li dina l-porzjoni art, ma tappartjenix lilha fl-interezza kollha tagħha iżda hija xorta trid u tordna li dana l-prelegat jiġi konsegwit fl-interezza kollha tiegħu mill-prelegatarju imsemmi".***

Illi dan l-istess prelegat fl-interezza kollha tiegħu ġie imħolli mit-testatriċi lill-istess bintha Josephine Micallef, l-attriċi odjerna biex b'xi mod tpatti tad-diversi serviġi, kuri w assistenzi kollha li l-prelegatarja msemmija pprestat u ser tkompli tippresta lit-testatriċi;

Illi l-istess attriċi ġiet immessa fil-pussess tal-istess porzjoni raba minn uħud mill-istess eredi u ċioe' minn Frances mart Nazzareno Theuma, Paul Vella, Salvina mart Coronato Bugeja waqt li l-konvenuti l-oħra u ċioe' John Vella, Carmelo Vella, Joseph Vella u Cristina mart Joseph Camilleri kif wkoll rappreżentati mill-avukat Mario Scerri LL.D. qegħdin ixekklu lil Josephine Micallef milli tiġi immessa fil-pussess tal-legat imħolli minn ommhom, Mary Jane Vella;

Illi minkejja li l-attriċi interpellat diversi drabi lill-konvenuti sabiex jersqu fuq l-att relattiv sabiex hija tiġi mmessa fil-pussess ta' l-imsemmi legat imħolli lilha minn ommha, Mary Jane Vella in forza ta' testment hawn fuq imsemmi, dawn baqgħu inadempjenti.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. **Tordna lill-konvenuti jammettu lill-attriċi fil-pussess tal-porzjoni raba hawn fuq deskritta u an skond id-dispożizzjonijiet testamentarji tal-mejta ommhom, Mary Jane Vella;**

2. **Tiffissa data, ħin u lok u tinnomina Nutar sabiex jiġi ppubblikat l-att relattiv għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-attriċi u konsegwentament tinnomina kuratur biex jidher għal eventwali kontumaċja tal-konvenuti jew min minnhom.**

Bl-ispejjeż inkluż dik tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar 2005 kif ukoll bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

B'riserva għal kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti jew min minnhom minħabba, inter alia, dan id-dewmien fl-immissjoni tal-pussess ta' dan il-legat imħolli mill-mejta ommhom, MaryJane Vella armla ta' Antonio Vella.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzoni tal-fatti ta' l-attriċi minnha maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine l-avukat Dottor Mario Scerri li eċċepixxa illi:

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriservaw li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lilu l-indirizz fl-esteru tal-konvenuti minnu rappreżentati u

jirnexxielu jikkomunika magħhom u jsir jaf aħjar mingħandhom x'inhi l-kontestazzjoni o meno tagħhom;

2. Illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura;

3. Illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollati lill-atturi;
4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine debitament maħlufa minnu.

Innotat illi l-konvenut John Vella, debitament notifikat b'din il-kawza, għażel li jibqa' kontumaċi.

Rat il-verbal ta' l-attriċi tas-26 ta' Ottubru 2007 fejn ċediet il-kawża fil-konfront tal-konvenut John Vella.

Rat il-verbal Tagħha ta' l-istess data fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Ili permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed tfittex li tiġi immessa fil-pussess ta' prelegat imħolli lilha minn ommha permezz tat-tielet artikolu ta' l-aħħar testment tagħha ta' l-14 ta' Jannar 1999, in atti Nutar Dottor Paul Pisani.[1] Permezz ta' dan il-laxxitu, it-testatriċi ordnat illi "*tħalli b'titolu ta' prelegat a favur ta' bintha Josephine Micallef mart John Micallef, biċċa raba' imsejħa ta' Loggja, fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tlett mija u sbatax punt deċimali disgħa metri kwadri (317.9 m.k.) u tmiss mit-tramuntana mat-triq, nofsinhar ma' beni tal-Katidral ta' Għawdex, jew aventi kawża u punent ma' beni ta' Francis*

[1] Dok. B a fol. 6 - 8 tal-process, u ricerki testamentarji Dokti.. D u E a fol. 10 - 17

*Theuma, jew irjieh aktar korretti, soġġetti għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu ta' tlett liri maltin, ħamsa u tletin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm3.35,5)."* Żdied jingħad f'dan l-artikolu illi: "*It-testatriċi tiddikjara li hija taf li dina l-porzjon art ma jappartjeniex lilha fl-interezza kollha tagħha iżda hija xorta waħda trid u tordna li dana l-prelegat jiġi konsegwit fl-interezza kollha tiegħu mill-prelegatarju imsemmi*." Intqal ukoll illi: "*It-testatriċi tiddikjara li qegħda tħalli dana l-prelegat biex b'xi mod tpatti tad-diversi serviġi, kuri w assistenzi kollha li l-prelegatarja imsemmija pprestat u ser tkompli tippresta lit-testatriċi*."

Din il-proprjeta' ma kienitx tappartjeni esklussivament lit-testatriċi, kif anke irrikonoxxiet hi stess f'dan il-prelegat. Infatti jirriżulta li l-attriċi fid-denunzja tas-suċċesjoni in sewgitu għall-mewt ta missierha, kienet iddikjarat illi din l-art kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn missierha u ommha.[2] Madankollu, ġialadarba kif ġia rajna, saret id-dikjarazzjoni skond il-liġi, illi t-testatriċi kienet taf illi dak il-legat ma kienx jappartjeni kollu lilha, din id-dispożizzjoni hija waħda valida,[3] u konsegwentement il-werrieta huma obbligati li jroddu dak il-legat lil min imissu. Fil-każ tagħna l-eredi tad-*decujus* Mary Jane Vella kienu t-tmien uliedha: John, Paul, l-attriċi, Joseph, Carmelo, Salvina mart Coronato Bugeja, Cristina mart Joseph Camilleri, u Frances mart Nazzareno Theuma.[4]

Uħud minn dawn l-eredi, u ċioe' Frances Theuma, Paul Vella u Salvina Bugeja immittew lill-attriċi fil-pussess ta' sehemhom minn din ir-raba permezz ta' tliet kuntratti li saru qabel ma ġiet intavolata l-kawża preżenti,[5] u għalhekk kien baqa' l-konvenut John Vella, u l-aħwa l-oħra imsiefrin u rappreżentati f'dawn l-atti mill-kuratur nomine, sabiex jagħmlu hekk.

---

[2] ara kopja ta' din id-denunzja a fol. 53
[3] art. 696 kap.16
[4] Art. VI tat-testment ta' Mary Jane Vella ta' l-14.1.1999
[5] ara Dokti. G 26, G 27 u G 28 a fol. 57 – 65 .

Il-konvenut John Vella immetta lill-attriċi fil-pussess ta' sehmu minn din ir-raba fil-mori tal-kawża,[6] u għalhekk issa fadal biss il-konvenuti l-oħra kif rappreżentati biex jagħmlu dan.

Ma jidher illi jista jkun hemm ebda raġuni valida fil-liġi għaliex il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi f'dan ir-rigward, ġialadarba jirriżulta li sehem dawn il-konvenuti mill-prelegat in kwistjoni għadu f'idejhom.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti, ħut l-attriċi imsiefrin, kif rappreżentati f'dawn l-atti mil-konvenut nomine u

1. tordna li dan jammetti lill-attriċi fil-pussess tal-porzjon raba, deskritt fiċ-ċitazzjoni; u konsegwentement

2. tiffissa l-jum ta' nhar is-Sibt 29 ta' Marzu 2008 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) ghall-kuntratt opportun li ghandu jsir bil-ministeru tan-nutar Dottor Kristen Dimech li qed jiġi nominat għal dan il-fini. L-istess konvenut nomine l-avukat Dottor Mario Scerri għandu jidher għall-eventwali kontumaċi fuq dan l-att.

L-ispejjeż iridu jiġu ssoportati mill-konvenuti Carmelo Vella, Joseph Vella u Cristina mart Joseph Camilleri, kif rappreżentati mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] ara verbal tal-legali ta' l-attrici a fol. 81